MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 67/2005/2

Rikors Nru: 67/2005

Godfrey Fenech

vs

John Bosco Vella

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-9 ta' Awissu, 2005 fejn espona:

Illi r-rikorrenti jikri lill-intimat il-fond 80, St Helen Street, Sliema versu l-kera ta' erbatax-il lira (Lm14) fis-sena li jithallas kull tlett xhur bil-quddiem.

Illi l-fond de quo gie abbandunat mill-intimat u in oltre thalla jiddeterjora kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-fond 80, St Helen Street, Sliema u jordna l-izgumbrament ta' l-intimat fi zmien qasir u perentorju kif jistabilixxi dan il-Bord ghar-ragunijiet fuq premessi.

Ra li l-intimat deher fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2006 u kkontesta t-talba.

Ra li fis-seduta ta' llum rega' deher l-intimat u ammetta t-talba u talab sitt (6)xhur zmien biex johrog mill-fond.

Ra li dwar spejjez il-partijiet ftehmu li l-intimat barra li jhallsu tieghu ihallas dawk li bata r-rikorrent sakemm irnexxielu jinnotifikah, jigifieri l-ispejjez kollha dwar notifiki.

Ra li l-partijiet talbu sentenza skond il-ftehim milhuq quddiem il-Bord kif fuq inghad.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga' jiehu f'idejh il-fond 80, St Helen Street, Sliema; l-intimat ghandu johrog mill-fond mhux aktar tard minn sitt xhur (6) millum; l-ispejjez li r-rikorrent bata biex jinnotifika lill-intimat jithallsu kollha mill-istess intimat, spejjez ohra bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------